

IR-RENJU TAL-BELĠJU
SERVIZZ PUBBLIKU FEDERALI
GĦALL-ĠUSTIZZJA
Digriet Reġju li jimplimenta l-Artikolu
433c/2 tal-Kodiċi Kriminali

Philippe, Re tal-Belġjani,

Saħħa lil kull min jinsab preżenti u min għadu ġej.

Wara li kkunsidrajna l-Artikolu 433c/2 tal-Kodiċi Kriminali, imdaħħal bl-Att tal-21 ta' Marzu 2022 li jemenda l-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-liġi kriminali sesswali,

Wara li kkunsidrajna l-opinjoni tal-Ispettor tal-Finanzi maħruġa fil- [data];

Wara li kkunsidrajna l-ftehim tas-Segretarju tal-Istat għall-Baġit mogħti fi [data];

Wara li kkunsidrajna l-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea fil- [data], skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika;

Wara li kkunsidrajna l-opinjoni tal-Kunsill tal-Istat, mogħtija fi [data], skont l-Artikolu 84(1)(1)(2) tal-Atti dwar il-Kunsill tal-Istat, ikkonsolidata fit-12 ta' Jannar 1973;

Wara li kkunsidrajna l-obbligi inklużi fir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar suq uniku għas-servizzi diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (Regolament dwar is-Servizzi Diġitali),

Wara li kkunsidrajna l-obbligi inklużi fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), u b'mod partikolari l-obbligu li tiġi żgurata sigurtà xierqa tad-*data*, u l-obbligu li s-suġġett tad-*data* jiġi pprovdut b'informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar kif se tiġi pproċessata d-*data* tiegħu jew tagħha.

Fuq il-proposta tal-Ministru għall-Ġustizzja tagħna,

Iddeċidejna u b'dan qed nordnaw:

KAPITOLU 1. Definizzjonijiet

Artikolu 1. Għall-finijiet ta' dan id-Digriet:

(1) Fornitur: impriża li, fuq talba ta' min jirreklama, taħżen u xxerred reklamar lill-pubbliku fuq pjattaforma tal-internet (online), jew fuq kwalunkwe mezz ieħor jew parti minn mezz (online jew offline), immirat speċifikament lejn il-prostituzzjoni;

(2) Kwalunkwe mezz ieħor jew parti minn mezz maħsub speċifikament għall-prostituzzjoni: is-sezzjoni fl-istampa bil-miktub jew f'servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni ddedikat għar-reklamar tal-prostituzzjoni;

(3) Min jirreklama: il-persuna li titlob mingħand fornitur it-tixrid ta' reklam għall-prostituzzjoni għal servizzi sesswali jew għal post iddedikat għall-forniment ta' servizzi sesswali mill-adulti;

(4) Viżitatur: il-persuna li tikkonsulta r-reklami għall-prostituzzjoni mxerrda minn fornitur.

KAPITOLU II. – Kamp ta’ applikazzjoni

Artikolu 2. Dan id-Digriet jikkonċerna reklamar bla ħlas jew bi ħlas għall-prostituzzjoni, kif definita fl-Artikolu 433c/2 tal-Kodiċi Kriminali.

Dan id-Digriet japplika għall-fornituri stabbiliti fil-Belġju jew għall-fornituri li jxandru reklamar ta’ prostituzzjoni lill-pubbliku Belġjan, irrISPettivament mill-post tas-servizzi sesswali jew il-post iddedikat għall-forniment ta’ tali servizzi.

KAPITOLU III. – Kundizzjonijiet komuni li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri

Artikolu 3. Qabel it-tqegħid ta’ reklam, il-fornitur għandu jaċċerta l-identità ta’ min jirreklama u, meta applikabbli, tal-fornitur tas-servizz sesswali, u li dawn ma humiex taħt l-età, permezz tad-dokumenti li ġejjin:

(1) dokument tal-identità, u

(2) ritratt tal-wiċċ ta’ min jirreklama u, meta applikabbli, dak tal-fornitur tas-servizz sesswali, meħud fil-jum tat-talba għat-tqegħid tar-reklam u li jippermettilhom li jiġu fiżikament rikonoxxuti.

Il-fornitur għandu jivverifika n-numru tat-telefown u, jekk disponibbli, l-indirizz tal-posta elettronika pprovdut minn min jirreklama.

F’każ ta’ dubju dwar il-veraċità jew l-eżattezza tal-identifikazzjoni tal-persuna jew dwar l-età tal-persuna, il-fornitur għandu jitlob aktar informazzjoni. Jekk din l-informazzjoni ma tingħatax, il-fornitur għandu jirrifjuta t-tqegħid tar-reklam.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7, 10 u 11, din id-*data* ma tistax tintuża għal skopijiet oħra għajr il-verifika tal-identità u biex jiġi vverifikat li min jirreklama huwa tal-età.

Ladarba jitlestew il-kontrolli, ir-ritratt previst fil-punt 2 ma għandux jinżamm. Dan għandu jinqered jew jitħassar.

Artikolu 4. Il-fornitur għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' min jirreklama informazzjoni utli biex tgħinhom jiżguraw is-sikurezza tagħhom meta jqiegħdu r-reklam u matul il-kuntatt mal-viżitaturi.

Barra minn hekk, din tipprovdi lil min jirreklama u lill-viżitaturi b'informazzjoni utli biex jipproteġu lilhom infushom kontra infezzjonijiet trāzmessi sesswalment.

Il-fornitur għandu jagħmel disponibbli lil min jirreklama informazzjoni utli dwar l-iżvilupp u l-eżerċizzju sikur tan-negozju u dwar il-possibbiltajiet ta' riorjentazzjoni.

Il-fornitur għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' min jirreklama d-data ta' kuntatt ta' ċentri speċjalizzati rikonoxxuti, organizzazzjonijiet ta' għajuna sussidjati, u organizzazzjonijiet professjonali għall-ħaddiema tas-sess.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, is-Servizz Pubbliku Federali għall-Ġustizzja għandu jagħmel disponibbli paġna ta' informazzjoni standardizzata fuq is-sit web tiegħu.

Il-fornitur joffri l-possibbiltà lill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ sussidjati u lill-organizzazzjonijiet professjonali tal-ħaddiema tas-sess biex joħolqu kont b'xejn fuq il-pjattaforma li jippermettilhom jikkomunikaw ma' min jirreklama.

Artikolu 5. Il-fornitur għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jipproteġi lil kull min jirreklama mill-abbuż tal-prostituzzjoni u t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari billi jsemmi b'mod viżibbli l-punt ta' kuntatt għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, www.stoptraitehumaine.be, u n-numru uniku

tat-telefown 078 05 58 00 tal-linja ta' għajnuna Belġjana għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

Artikolu 6. Il-fornitur għandu jqajjem kuxjenza fost dawk responsabbli għall-ġestjoni tar-reklami dwar il-fenomeni tal-abbuż tal-prostituzzjoni u t-traffikar tal-bnedmin u dwar l-assistenza offruta minn ċentri speċjalizzati rikonoxxuti għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

Artikolu 7. Fil-każ ta' suspett ta' abbuż tal-prostituzzjoni jew traffikar tal-bnedmin, il-fornitur għandu jirrapporta kwalunkwe każ lill-pulizija jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji mingħajr dewmien.

KAPITOLU IV. – Kundizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri online

Artikolu 8. Il-fornitur għandu jwissi lill-viżitaturi li l-aċċess għar-reklami għall-prostituzzjoni huwa riżervat għall-viżitaturi li ma humiex taħt l-età..

Il-fornitur għandu jipprovdi lill-viżitaturi b'mezz ċar li jippermettilhom jirrapportaw minnufih suspetti ta' abbuż tal-prostituzzjoni jew tat-traffikar tal-bnedmin.

Artikolu 9. Il-fornitur għandu jipprovdi lil min jirreklama b'sistema fejn ikunu jistgħu jirrapportaw lill-klijenti li juru mġiba vjolenti u jaqsmu esperjenzi negattivi ma' reklamaturi oħra.

Artikolu 10. Il-fornitur għandu punt ta' kuntatt fil-Belġju li jista' jintlaħaq faċilment mill-pulizija jew mill-awtoritajiet ġudizzjarji matul il-jiem tax-xogħol.

Il-fornitur għandu jwieġeb mingħajr dewmien żejjed u mingħajr ħlaq għal talbiet għal informazzjoni li jsiru mill-pulizija matul il-kompiti ġudizzjarji u amministrattivi tagħha

jew mill-awtoritajiet ġudizzjarji fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet f'konformità mal-Kodiċi ta' Investigazzjoni Kriminali u liġijiet speċjali, jew mis-servizzi ta' intelligence fil-kuntest tad-dmirijiet legali tagħhom.

F'każ ta' emerġenza, il-fornitur għandu jwieġeb fi żmien 24 siegħa.

Artikolu 11. Għall-finijiet ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni, il-fornitur għandu jżomm id-*data* li ġejja għal perjodu ta' tliet snin wara t-tmiem tal-kuntratt bejn il-fornitur u min jirreklama:

- (1) kopja tad-dokument tal-identità;
- (2) Id-*data* tal-ħolqien tal-kont (id-*data* – jekk disponibbli l-indirizz tal-posta elettronika – in-numru tat-telefown – l-indirizz tal-IP);
- (3) *Data* relatata mal-ħolqien tar-reklam;
- (4) Dettalji tal-ħlas jekk ikunu saru l-ħlasijiet;
- (5) *Data* relatata ma' bidliet fir-reklam/kont (meta ttella' r-reklam – meta tħassar – liema indirizzi tal-email intużaw għal dan – liema indirizz IP intuża għal dan);

Artikolu 12. Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan id-Digriet.

Maħruġ nhar

Mir-Re:

Il-Ministru għall-Ġustizzja,

P. VAN TIGCHELT